

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0022/09  
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura  
minn Jan Andersson f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali  
lill-Kunsill

Suġġett: It-tfal tal-Migranti

Is-sitwazzjoni tat-tfal tal-migranti fl-UE li jitħallew waħedhom fl-Istati Membri tal-orġini tagħhom filwaqt li l-ġenituri jemigraw għax-xogħol fi Stat Membru ieħor qajmet tħassib konsiderevoli f'xi Stati Membri f'dawn l-aħħar sentejn. Filwaqt li hemm politiki bil-għan li jiġu mtejjba l-kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' edukazzjoni tat-tfal migranti li marru mal-ġenituri tagħhom li jaħdmu barra minn pajjiżhom, il-fenomenu tat-tfal li jitħallew waħedhom id-dar ftit li xejn ingħata attenzjoni. Skont l-istudju li sar mill-Unicef u l-Alternattivi Soċjali fir-Rumanija, fl-2008 kważi 350.000 tifel u tifla kellhom minn tal-anqas ġenitur wieħed jaħdem barra mill-pajjiż, u kważi 126.000 tifel u tifla kellhom iż-żewġ ġenituri jaħdmu barra minn pajjiżhom.

It-tfal li jitħallew f'pajjiżhom jinsabu fir-riskju li jitilfu l-kura u l-attenzjoni min-naħa tal-ġenituri tagħhom.

Huma jinsabu f'riskju ta' nuqqas ġenerali ta' kura tas-saħħa fiżika u mentali, u jista' jkollhom effetti relatati mas-saħħa mentali bħad-dipressjoni, telf ta' ħin liberu għal-logħob u għall-iżvilupp, nuqqas ta' parteċipazzjoni fl-iskola u parteċipazzjoni ġenerali fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, malnutrizzjoni u abbuż fuq it-tfal.

X'passi ttieħdu u se jittieħdu mill-Istati Membri u mill-Kunsill biex tittejjeb is-sitwazzjoni ta' dawn it-tfal u biex jiġi żgurat l-iżvilupp normali tagħhom?

Ir-rapporti dwar il-mod kif jgħixu dawn it-tfal u dwar in-nuqqas ta' kura tagħhom f'termini ta' edukazzjoni kif ukoll ta' affett huma ferm inkwetanti. Il-Kunsill huwa infurmat dwar kif dawn it-tfal u l-ġenituri tagħhom jiffaċċjaw is-sitwazzjoni?

X'passi ttieħdu u se jittieħdu mill-Istati Membri, li jospitaw il-ħaddiema li jkunu ħallew lil uliedhom fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u fil-livell Ewropew sabiex jiġi żgurat żvilupp normali tat-tfal ikkonċernati f'termini ta' edukazzjoni u ta' ħajja soċjali?

Hemm rapporti li juru li dan il-fenomenu jikkonċerna bosta Stati Membri. Fil-Kunsill, seħħ skambju ta' opinjonijiet jew diskussjonijiet dwar l-aħjar Prattika bejn l-Istati Membri dwar kif għandha tittejjeb is-sitwazzjoni?

L-Istati Membri waqqfu mekkaniżmi ta' koperazzjoni sabiex jevitaw l-effetti deterjoranti fuq il-familji, speċjalment fuq it-tfal, tal-fatt li l-membri familjari jgħixu separati minn xulxin u tad-distanza li hemm bejniethom?

Imressqa: 13.02.2009  
Mibgħuta: 16.02.2009  
Skadenza: 09.03.2009